V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# KUMMISSJONI

## SEJĦA GĦALL-PROPOSTI — DG EAC/03/07

**L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-iskema tal-Premju ta' l-Unjoni Ewropa għall-Arkitettura Kontemporanja li jingħata kull sentejn**

(2007/C 187/05)

### 1. **Daħla**

Il-Programm Kultura ([1]) huwa programm multi-annwali waħdieni għal miżuri tal-Komunità fil-qasam tal-kultura li huwa miftuħ għas-setturi kulturali kollha (mhux awdjoviżivi) u għall-kategoriji kollha ta' l-operaturi kulturali.

Dan il-programm huwa bbażat fuq l-Artikolu 151 tat-Trattat tal-KE, li jiddikjara li l-Komunità għandha tikkontribwixxi sabiex il-kulturi ta' l-Istati Membri jiffjorixxu, filwaqt li tiġi irrispettata d-diversità nazzjonali u reġjunali tagħhom u fl-istess waqt twassal biex jiġu prominenza l-wirt kulturali komuni.

B'referenza għall-aspett 1.3 tal-programm, l-għan ta' din is-sejħa għall-proposti huwa li jintgħażel korp li ser jieħu ħsieb l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-iskema tal-Premju ta' l-Unjoni Ewropea għall-Arkitettura Kontemporanja li jingħata kull sentejn.

L-għan tas-sejħa preżenti huwa li jintgħażel korp li jkun intitolat jorganizza, jimplimenta u jaħtar skema ta' Premju ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-Arkitettura Kontemporanja li jingħata kull sentejn. L-entità magħżula għandha tassumi l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-premju ta' l-UE ta' l-ewwel sena (2009). Tista' tagħmel dan għall-edizzjonijiet 2011 u 2013 bl-approvazzjoni esplicita tal-Kummissjoni biss.

Dan il-premju jimmira lejn ir-rikonoxximent, il-promozzjoni u l-iżvilupp tat-talent artistiku kif ukoll il-prattika eċċellenti fil-kamp ta' l-arkitettura kontemporanja Ewropea. Fost premjijiet Internazzjonali varji għall-eċċellenza fl-arkitettura, hemm il-bżonn ta' premju speċifiku li juri l-progress u r-rwol eċċezzjonali li għandha l-kreattività Ewropea; meta wieħed iħares lejn dan b'mod globali, jista' faċilment jiġi stabbilit li din hija minn ta' quddiem fl-iżvilupp ta' l-ideat u fir-realizzazzjonijiet fl-arkitettura. Tali premju għandu jilħaq dan l-objettiv.

### 2. **Għanijiet u Deskrizzjoni**

L-arkitettura hija bbażata fuq kwalità ta' l-ambjent, skala umana, l-użu xieraq tal-materjali tal-kostruzzjoni u strutturi. Tittratta l-adattezza soċjali: spazji li jappoġġaw l-ambjent ta' għixien u ta' xogħol tan-nies. Hija bbażata fuq adattezza ekoloġika u funzjonali: żmien twil li sservi kostruzzjoni, materjali sostenibbli, konsum baxx ta' enerġija, flessibbiltà fl-użu. Tittratta l-adattezza ekonomika: valur ta' l-infieq f'era li hija konxja ta' l-ispejjeż. Hija kkonċernata l-iktar bl-espressjoni kulturali: rispett għall-kuntest ta' belt jew ta' pajsaġġ, viżjoni tal-futur bħala espressjoni tar-rispett għall-passat.

Il-binja hija kkunsidrata ta' spiss bħala proċess ekonomiku, filwaqt li primarjament hi fenomenu soċjali u kulturali, b'risposta għall-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tan-nies. Iċ-ċittadini kif ukoll l-istituzzjonijiet pubbliċi mhumiex dejjem konxji ta' dan l-aspett ta' l-arkitettura.

Il-korp li għandu jintgħażel mill-Kummissjoni Ewropea għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Premju ta' l-UE għandu jieħu ħsieb il-punti li ġejjin:

(a) L-għan tal-premju huwa li tinstab u tingħata importanza lit-talent artistiku fil-kamp ta' l-arkitettura kontemporanja kif ukoll lill-proġetti li jaġixxu bħala eżempju jew ukoll bħala manifest. Il-premju għandu jirrifletti l-valur simboliku u dak pedagoġiku. Sabiex dan jiġi determinat, il-korp magħżul għandu jaħdem mill-qrib ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-arkitettura fl-Istati Membri (b'attenzjoni partikolari għall-Istati Membri ġodda).

(b) Fid-dawl ta' l-importanza tad-dimensjoni Ewropea, il-premju għandu jirrifletti dan l-aspett billi jiffoka l-attenzjoni fuq it-trans-nazzjonalità tax-xogħol arkitettoniku billi jipprova jippromwovi xogħlijiet arkitettoniċi li jkunu saru f'pajjiżi li ma jkunux il-pajjiżi oriġinarji tal-perit(i).

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

(c) Fid-dawl ta' l-importanza ta' l-inkuraġġament lill-periti ta' talent ġodda u li qegħdin jitfaċċaw, għandu jiġi mbassar premju speċjali għal dawn l-ewwel xogħlijiet ta' tali professjonisti, kemm jekk mibnija ġewwa kif ukoll barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

(d) F'dan il-kuntest:

— se jingħata premju lil wieħed jew aktar awturi Ewropej ta' xogħlijiet arkitettoniċi li jilħqu l-ispirtu ta' l-objettivi li jissemmew fil-paragrafu (a) hawn fuq u li jinħolqu fl-Ewropa ([1]) fis-sentejn qabel ma jingħata l-premju. Il-premju finanzjarju li jakkumpanja l-premju jista' jkun ta' massimu ta' 60 000 EUR;

— se jingħata premju/nomina speċjali lil wieħed jew aktar periti żgħażagħ Ewropej li jkunu wettqu proġett fl-Ewropa ([1]) fi ħdan jew barra mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Il-premju finanzjarju li jakkumpanja n-nomina/l-premju speċjali jista' jkun ta' massimu ta' 20 000 EUR;

— id-deċiżjoni dwar lil min għandhom jingħataw il-premjijiet u n-nomina/għotja speċjali se tkun ibbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' bord ta' esperti Ewropej indipendenti, li jirrappreżentaw kemm jista' jkun skejjel ta' l-arkitettura u tendenzi ta' l-arkitettura kontemporanja. Fl-applikazzjoni tagħhom l-applikanti għandhom jispjegaw kif huma intenzjonati li jimmaniġġjaw dan il-proċess, filwaqt li jispeċifikaw kif se jintgħażel il-bord u fuq liema bażi se jopera (definizzjoni tal-kriterji ta' premjazzjoni, il-proċedura ta' premjazzjoni, eċċ.)

— il-premju u xi nomini/għotjiet speċjali oħra għandhom jipprovdu l-ogħla viżibilità u impatt possibbli fit-termini tad-dimensjoni Ewropea tagħhom; għalhekk hija essenzjali l-preżenza ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari dik tal-Kummissjoni Ewropea waqt iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni u ta' l-għotjiet speċjali. Il-korp magħżul se jibqa' f'kuntatt mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-proċess ta' għażla u komunikazzjoni;

— il-proġetti rebbieħa kif ukoll il-proġetti kollha mressqa (jew l-aħjar minn dawk imressqa) għandhom jingħataw l-aktar riklam effettiv possibbli pereżempju permezz ta' pubblikazzjonijiet, stampa, kopertura fuq ir-radju u t-televiżjoni, wirjiet ambulanti, eċċ.

L-organizzazzjonijiet applikanti għandhom ukoll jipproponu kategoriji addizzjonali ta' distinzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala essenzjali.

## 3. L-Applikanti eliġibbli

Organizzazzjonijiet applikanti għandhom ikunu organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati li jkollhom stat legali fil-kamp ta' l-arkitettura kontemporanja b'esperjenza twila u ppruvata ta' l-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet fis-settur (eż wirjiet, premjijiet, pubblikazzjonijiet eċċ).

L-applikazzjonijiet ta' entitajiet li għandhom personalità legali u stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin huma eliġibbli:

— is-27 Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Jannar 2007 (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit);

— it-tliet pajjiżi taż-ŻEE (l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) ([2])

— il-pajjiżi kandidati għall-UE: il-Kroazja, l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja u t-Turkija ([3])

— il-pajjiżi Balkan tal-Punent (l-Albanija, il-Bosnia u Ħerzegovina, Montenegro u s-Serbja inkluż il-Kosovo (skond ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244) ([4]).

## 4. Il-Baġit u tul tal-proġett

Il-baġit allokat għal din l-azzjoni jammonta għal massimu ta' 200 000 EUR għall-ispejjeż totali ta' l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' kull premju li jingħata kull sentejn (inkluż il-premju fi flus għall-premju ewlieni u għal xi nomini/għotjiet speċjali). Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż is-60 % tat-total eliġibbli ta' l-ispejjeż għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni proposti mill-applikant li jintgħażel għal kull premju li jingħata kull sentejn ([5]).

It-tul ta' żmien tal-perjodu ta' eliġibilità ta' kull ftehim ta' Għotja ta' l-UE għandu jkun massimu ta' 15-il xahar. Għall-organizzazzjoni tal-Premju ta' l-UE għall-2008, l-azzjoni li għandha tiġi ffinanzjata għandha tibda mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009 u għandha tispiċċa fid-29 ta' Settembru 2009. Id-data ta' bidu għall-eliġibbiltà għall-infiq ma tista' taħt ebda ċirkostanza tkun qabel l-1 ta' Marzu 2008.

Is-sostenn Komunitarju se jingħata bil-kondizzjoni ta' tmiem tajjeb tal-proċeduri amministrattivi u finanzjarji.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

## 5. L-Iskeda/L-Iskadenza taż-żmien

Fil-kuntest tal-programm ta' qafas dwar il-Kultura, u b'kontinwazzjoni ta' skema li hija diġà stabbilita fil-Programm preċedenti, din is-sejħa għall-proposti hija mmirata lejn l-istabbiliment ta' tliet premjijiet Ewropej għall-arkitettura kontemporanja li jingħataw kull sentejn mill-2009.

L-applikant rebbieħ għandu jassumi l-organizzazzjoni ta' l-edizzjoni 2009 tal-Premju ta' l-UE. Dan jista' jagħmel hekk għażżewġ edizzjonijiet konsekuttivi (2011 u 2013) b'approvazzjoni espliċita tal-Kummissjoni li għandha tkun ibbażata fuq l-organizzazzjoni u l-implimetazzjoni ta' l-edizzjoni preċedenti.

**L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mid-9 ta' Novembru 2007.**

([1]) Il-proġetti ppremjati kif ukoll ir-rebbieħa tal-premju jridu jkunu ġejjin minn wieħed mill-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm (ara t-taqsima 3)

([2]) Skond il-Kumitat Konġunt rilevanti taż-ŻEE deċiżjoni li tikkonċerna l-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minn dawk il-pajjiżi fil-Programm Ġdid Kulturali fl-2007 li jinstab fis-seħħ.

([3]) Skond il-konklużjoni tal-Memorandum ta' Ftehim li jikkonċerna l-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minn dawk il-pajjiżi fil-Programm Ġdid fl-2007.

([4]) Idem.

([5]) L-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju; L-Artikoli 167 u 172 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni

## 6. **Kriterji għall-għoti**

Il-proposti eliġibbli se jiġu vvalutati fid-dawl tal-kriterji segwenti:

— l-esperjenza fl-organizzazzjoni ta' inizjattivi simili fil-qasam ta' l-arkitettura kontemporanja fil-livell Ewropew;

— il-kapaċità ta' organizzazzjoni, koordinazzjoni u implimentazzjoni tal-Premju skond l-objettivi tas-sejħa attwali għall-proposti;

— il-livell ta' tixrid u użu ta' l-attivitajiet ippjanati, li għandu jiġi vvalutat skond il-kriterji segwenti:

  — il-livell ta' viżibilità ta' l-attivitajiet ippjanati (inkluż l-obbligu li tingħata prominenza lill-isem u lil-logo tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Programm Kultura, u t-tipi differenti ta' mezzi pubbliċitarji użati (websajt, rivisti, fuljetti, radju, TV, eċċ.) biex l-attivitajiet ikunu viżibbli f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej)

  — ir-rilevanza u l-kwalità tal-"pjan tal-mezzi tax-xandir" fir-rigward ta' l-attivitajiet ippjanati u l-pubbliku fil-mira

  — l-għadd ta' persuni li jistgħu jibbenefikaw (direttament u indirettament) mir-riżultati ta' l-attivitajiet ippjanati (pubbliku/benefiċjarji fil-mira, attendenza, għadd ta' parteċipanti, qarrejja, eċċ.).

## 7. **Aktar tagħrif**

It-test sħiħ għal din is-sejħa għall-proposti u l-formoli ta' l-applikazzjoni huma disponibbli fil-website li ġejja:

http://ec.europa.eu/culture/eac/index_en.html

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fit-test komplut u jitressqu permezz tal-formola pprovduta.